Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 202/2011

**A B**
**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed, E, imwieled fl-erbghatax (14) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min Nutar Dottor Joseph Tabone sa mit-tlettax (13) ta' Lulju, tas-sena elfejn u sebgha (2007) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom hames snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok A anness, Klawsola 2) u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut.

Illi r-rikorrenta ma kienetx dovuta manteniment ghat-tifel taghha stante illi l-kuntratt tas-separazzjoni (Ara Dok Anness , Klawsola 17) jistipula illi galadarba t-tifel jghix parti mill-gimgha ma ommu u parti mill-gimgha ma missieru, it-tnejn li huma ghandhom jhallsu ghall-bzonnijiet tieghu meta jkun maghhom, w'ghalhekk ma hemmx hlasijiet ta' manteniment ghat-tifel pendenti.

Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok Anness, Klawsola 21) hija kienet ghazlet illi tibqa' b'kunjomha mizzewga pero' issa li z-zwieg taghha ser ikun xolt tixtieq illi tkun tista' terggha tiehu kunjomha xebba;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku Bd-divorzju tal-partijiet Bex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

3. Tordna illi r-rikorrenti tirriverti lura ghall-kunjomha xebba u cioe' D.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi hija l-attrici li trid il-hall taz-zwieg u mhux il-konvenut – ghalhekk il-konvenut ma ghandu ibati ebda spejjez jew drittijiet legali;

2. Illi mhuwiex minnu li il-partijiet ilhom mifruda ghal hames snin u mhuwiex minnu li il-konvenut ghandu xi rabta ohra ma xi haddiehor;

3. Illi intant kienet l-attrici li kienet tassew tahti ghat-tkissir taz-zwieg u ghalhekk anke a bazi ta' dan il-fatt il-konvenut ma ghandu jehel ebda spejjez f' dawn il-proceduri;

4. Illi it-tielet talba attrici ma tistax tigi milqugha in vista ta' dak li jghid l-Art 66D(2) tal-Kodici Civili. Il-materja tal-kunjom kienet gia giet stabblita fil-kuntratt ta' separazzjoni. F' kawza ghall-ħall taz-zwieg fejn gia hemm kuntratt ta' separazzjoni ma tista issir ebda talba ohra ghajr dik tal-hall taz-zwieg – u xejn aktar. Il-ligi f' dan il-kaz ma titstax titwessa' permezz ta' sentenza tal-Qorti. Jekk il-Qorti tibda taccetta eccezzjoinijiet ghall-ligi fejn dawn mhux permessi bl-istess ligi, allura l-iskop tal-legislatur jista jigi eluz anke ghaliex mertu li suppost hu semplici jista isir komplikat b' talBet li huma differenti minn dawk permessi.

5. Illi ghalhekk anke jekk it-talba f' din il-kawza tigi milqugha, il-Qorti ghandha tikkundanna lill-attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk tal-konvenut;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2011;

Rat in-nota tar-rikorrenti, ipprezentata fis-seduta tas-17 ta' Frar 2012, li permezz taghha hija talbet lill-Qorti sabiex tordna il-bdil tal-kunjom fis-sentenza tad-divorzju fis-sens illi tirriverti ghal kunjom xbubitha D;

Rat illi l-intimat waqt is-seduta tas-17 ta’ Frar 2012 irtira it-tieni talba tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda u mill-provi prodotti illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg jigi dikjarat mahlul gew sodisfatti u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Tabone sa mit-13 ta’ Lulju 2007.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi irrizulta illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni kif ukoll illi ir-rikorrenti ma kienitx dovuta manteniment ghal binha stante illi l-kuntratt ta’ separazzjoni jistipula illi gja la darba it-tifla jghix parti mill-gimgha ma ommu u parti mill-gimgha ma missieru it-tnejn li huma kellhom ihallsu ghall-bzonnijiet tieghu meta jkun maghhom u ghalhekk ma hemmx hlasijiet ta’ manteniment ghat-tifel pendenti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbuBta D, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------